DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1980

tad-19 ta' Ottubru 2022

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/626 li tistabbilixxi l-Portal InvestEU u tfassal l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/626 ([2]) li tistabbilixxi l-Portal InvestEU jenħtieġ li tiġi emendata sabiex il-proġetti mill-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA, European Free Trade Association) ikunu jistgħu jiġu ppubblikati fuq il-Portal InvestEU.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/626 jenħtieġ li tiġi emendata wkoll sabiex tiġi ċċarata l-maturità tal-proġetti li huma eliġibbli biex jiġu ppubblikati fuq il-Portal InvestEU,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/626 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) il-proġett għandu jkun fl-Unjoni, fi Stat tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) jew f'pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut ma' Stat Membru kif stabbilit fl-Anness II tat-Trattat. Fil-każ ta' proġett transfruntier, il-parti prinċipali tal-implimentazzjoni tal-proġett għandha sseħħ fl-Unjoni, fl-Istati tal-EFTA jew f'pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut ma' Stat Membru kif stabbilit fl-Anness II tat-Trattat;";

(2) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) l-implimentazzjoni tal-proġett diġà bdiet jew hija mistennija li tibda fi żmien tliet snin mid-data tas-sottomissjoni fil-Portal InvestEU;".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30.
([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/626 tal-14 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-Portal InvestEU u tfassal l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu (ĠU L 131, 16.4.2021, p. 183).